Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 1/2016

**GasanMamo Insurance Limited hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Anthony Scerri sija bil-polza u bil-ligi u l-istess Anthony Scerri**

**Vs**

**Martin Farrugia u b'digriet tal-14 ta' April, 2014 intervejna fil-kawza l-Fond ghall-Protezzjoni u Kumpens tal-Motor Insurance Bureau u b'digriet iehor tas-6 ta' Mejju, 2014 giet imsejha fil-kawza Selina McKay**

2 ta' Marzu, 2018.

1. Il-kawza tikkoncerna incident tat-traffiku li sehh fl-24 ta' Settembru, 2012 gewwa Triq l-Imdina, Zebbug. Il-vetturi involuti f'dan l-incident kienu SEL-14 li kien qieghed isuq Martin Farrugia (appellat) u vettura PHI-185 proprjeta ta' Anthony Scerri (intimat).

2. B'decizjoni tal-14 ta' Marzu, 2016 it-Tribunal tal-Arbitragg iddikjara li Martin Farrugia hu responsabbli ghad-danni u kkundannah ihallas lill-atturi s-somma ta' erbat elef u erba' mitt ewro bl-imghax mid-data tan-notifika tal-atti tal-Arbitragg. Fir-rigward tal-imsejha fil-kawza Selina McKay, t-Tribunal iddecieda li ma jistax jikkundanna taghmel tajjeb ghad-danni ghaliex it-talba tal-atturi ma kinitx indirizzata fil-konfront taghha. Inoltre, mill-provi jibqa' d-dubju dwar jekk fil-jum tal-incident il-vettura kinitx assigurata jew le. Il-Fond ghall-Protezzjoni u Kumpens tal-Motor Insurance Bureau (appellanti) kien qieghed isostni li Mckay hi responsabbli wkoll ghaliex ippermettiet lil Farrugia li jsuq il-vettura minghajr ma kienet assigurata.

3. Fl-4 ta' Jannar, 2016 l-appellanti pprezentat rikors tal-appell, u lmentat mill-fatt li t-Tribunal ma kkundannax lil Selina McKay solidalment flimkien ma' Farrugia. L-aggravji huma:

   i. Selina McKay fit-twegiba li pprezentat ammettiet li l-vettura taghha ma kinitx assigurata.
   ii. Jirrizulta li fil-hin tal-incident il-vettura SEL 142 ma kellix *Trial Run plates*. Inoltre meqjus dak li jirrizulta minn Dok. B mahrug minn

Transport Malta, kien jispetta lill-imsejha fil-kawza li tipprova li kien hemm xi polza ta' assikurazzjoni ta' dik ix-xorta.

iii. L-istitut tal-kjamat in kawza hu ntiza sabiex issir kundanna fil-konfront ta' terza persuna li kontra taghha ma tkunx saret it-talba originali.

4. Fis-26 ta' Jannar, 2016 l-atturi pprezentaw twegiba fejn taw ir-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud. L-atturi argumentaw li m'ghandhom l-ebda relazzjoni guridika ma' sid il-vettura u jaqblu perfettament mar-ragunament tat-Tribunal tal-Arbitragg.

5. Hu fatt li fit-twegiba li kienet ipprezentat Selina McKay fit-Tribunal, iddikjarat:

   *"2) Illi fit-tieni lok l-intimata kjamat in kawza Selina Mckay tirrileva illi meta gabet il-karozza bin-numru ta' registrazzjoni SEL 142 (Trial Run 142) minn barra* ***hi kienet giet infurmata illi tali karozza ma setatx tkun assigurata u langas kien hemm il-bzonn illi tkun assigurata****".*

   Kif argumentat l-appellanti, fiha nnifisha din hi ammissjoni li SEL 142 ma kinitx assigurata. Fatt li jirrizulta wkoll mit-Traffic Accident Report (ara fol. 2).

   Mid-deposizzjoni ta' Stephen Cachia, irrizulta li fid-data tal-incident il-vettura kienet registrata f'isem Selina Mckay. Kompla li l-licenzja tal-vettura kienet skadiet fil-31 ta' Lulju, 2012 u giet rinnovata fit-12 ta' Ottubru, 2012.

   Jidher li meta l-wardens kienu qeghdin jinvestigaw il-kaz, Martin Farrugia qalilhom li l-vettura kellha *Trial Run plates*. Pero' fuq il-vettura l-warden ma sabx *Trial Run plates*. M'hemmx provi li juru li l-vettura kellha *Trial Run plates*. Dan apparti li jirrizulta li l-vettura kienet diga' licenzjata, filwaqt li *Trial Run plates* jintuzaw fejn il-vettura tkun ghadha mhijiex registrata u licenzjata.

   F'kull kaz l-oneru tal-prova kien fuq il-konvenut u l-imsejha fil-kawza. Fil-kaz ta' Farrugia ma ddefendix il-kawza filwaqt li McKay ma ressqitx provi.

6. Hu fatt li l-atturi harrku lil Martin Farrugia u kien biss fuq talba tal-appellanti li ssejhet fil-kawza Selina McKay. F'dan l-istadju mhuwiex qieghed jigi kkontestat il-provvediment li bih it-Tribunal ordna li tissejjah fil-kawza McKay. Ghalhekk dik il-materja mhijiex ser tigi mistharrga minn din il-qorti.

7. Il-qorti ma taqbilx mal-posizzjoni li ha t-Tribunal li semmai ser ikollhom jittiehdu proceduri *ex novo* kontra Selina McKay. Bhala kjamata fil-kawza

McKay kienet konvenuta ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi. Jekk wiehed jaddotta r-ragunament tat-Tribunal tal-Arbitragg ikun ifisser li l-kjamat fil-kawza ma serviet l-ebda skop. Ladarba t-Tribunal laqa' t-talba sabiex McKay tissejjah fil-kawza, gharaf li kellha interess fil-kaz. Fis-sentenza **Avukat Dr Henry Mamo nomine vs Angelo Xuereb nomine** tas-27 ta' Lulju, 1993, il-Qorti tal-Appell (Superjuri) qalet:

*"Il-kjamata in kawza huwa istitut ta' utilita' procedurali indubja. Kien hemm zmien meta l-gurisprudenza kienet qed ittendi biex ticcirkoskrivi l-kjamata billi tirritjeni necessarja l-kondizzjoni li l-parti kjamata in kawza trid tkun passibbli ta' kundanna fit-termini precizi tac-citazzjoni kif ifformulata mill-attur, imma l-kawzi li nholqu konsegwenti ghall-kollizzjonijiet awtomobilistici urew li dak l-element ma kienx affattu necessarju – kif qalet, per ezempju, is-sentenza ta' din il-Qorti ta' Appell fil-kawza deciza fid-29 ta' Mejju, 1967, fl-ismijiet Camilleri vs Robb – u din il-Qorti f'diversi okkazjonijiet esponiet il-htiega ta' kjamata in kawza, u ordnat konsegwentement – kif hemm ricentement, per ezempju, fis-sentenza tal-4 ta' Mejju, 1993, fl-ismijiet Enriquez et vs Avukat Farrugia".*

8. L-appellanti ghandha ragun wkoll ticcita l-artikolu 962 tal-Kap. 12 li jipprovdi:

   *"It-terza persuna msejħa fil-kawża għandha tiġi nnotifikata bir-rikors, ġuramentat jew le, u, għall-finijiet kollha, titqies bħala kull konvenut ieħor; u bħala tali għandha l-jedd li tippreżenta kull skrittura, li tagħti kull eċċezzjoni, u li tinqeda b'kull benefiċċju ieħor illi l-liġi tagħti lill-konvenut;* ***u tista', skont iċ-ċirkostanzi, tiġi meħlusa jew ikkundannata, daqs li kieku mill-ewwel il-kawża kienet proposta kontra tagħha****".*

   Ladarba McKay issejhet fil-kawza, kellu jigi determinat jekk l-imsejha fil-kawza kinitx responsabbli ghall-hsara li sofra l-attur. Il-qorti ma tista' tara ebda raguni ohra ghalfejn it-Tribunal sejjah fil-kawza lil McKay, u wara kollox dik kient ir-raguni ghalfejn l-appellanti talbet li tissejjah fil-kawza stante li kienet qeghda ssotni li hi wkoll responsabbli ghad-danni.

9. Skont l-artikolu 3 tal-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur ghar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap. 104), *"….* ***hadd ma jista'*** *juza jew igieghel jew* ***ihalli lil persuna ohra tuza vettura bil-mutur fit-toroq*** *kemm-il darba, ghall-uzu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-ohra, skont il-kaz, ma tkunx issehh polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, skont id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza".*

   Mill-provi rrizulta li fid-data tal-incident:

   i. Selina McKay kienet sid il-vettura;

ii. Il-vettura ma kellix certifikat ta' assikurazzjoni;
iii. Il-vettura ta' Selina McKay kienet fit-triq u kienet involuta f'incident tat-traffiku li mhemmx dubju sehh tort tax-xufier li kien qieghed isuqha;

10. Selina McKay u Martin Farrugia ma xehedux. Mhux maghruf x'wassal biex il-vettura tohrog fit-triq u tinstaq minn Martin Farrugia. Il-fatt jibqa' li hemm prova li fil-gurnata tal-incident, il-vettura kienet registrata f'isem Selina McKay. Hu evidenti li halliet ic-cwievet tal-vettura ghand terza persuna. Fatt li wassal biex il-vettura nstaqet fit-triq meta ma kinitx assigurata. Kien fl-obbligu taghha li tizgura li l-vettura taghha li kienet registrata f'Malta, tkun debitament licenzjata u assigurata. Fit-twegiba li pprezentat fit-Tribunal:

i. Iddikjarat, *"Illi l-intimat kjamat in kawza Selina McKay hija ghal kollox estranja ghall-fatti rizultanti mill-incident awtomobilistiku surreferit"*.
ii. Fl-ewwel eccezzjoni qalet li mhijiex il-legittimu kontradittur ghaliex, *"… fl-24 ta' Settembru tas-sena 2012 hija ma kinitx fil-pussess tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni SEL 142 (Trial Run 142) u ghalhekk m'ghandhomx jittiehdu passi fil-konfront taghha u sussegwentement m'ghandix tinzamm solidalment responsabbli ma' Martin Farrugia ghad-danni sofferti mir-rikorrent minhabba dan l-istess incident awtomobilistiku"*.

Min jallega jrid jipprova. Pero' McKay ma ressqitx prova per ezempju li l-vettura taghha kienet insterqet. Kien responsabbilta' ta' McKay li bhala sid tizgura li l-vettura taghha tkun koperta minn polza ta' assikurazzjoni u licenzjata ladarba jidher li tat ic-cwievet lil haddiehor. Mhuwiex bizzejjed tghid li ma kinitx fil-pussess tal-vettura.

Fis-sentenza **Avukat Franz Refalo nomine vs Paul Caruana** deciza mill-Prim'Awla fil-5 ta' Ottubru, 1995 saret riferenza ghas-sentenza tal-Prim'Awla tas-27 ta' Gunju, 1950 fl-ismijiet: **Michele Palmier proprio et nomine vs Nazzareno Zammit et** (Volum XXXIV.iii.605). Dak il-kaz ukoll kien dwar incident tat-traffiku li fih wahda mill-vetturi ma kinitx koperta minn polza ta' assikurazzjoni. Fis-sentenza l-qorti qalet ukoll:

*"Il-ligi trid li jkun hemm xi hadd responsabbli ghall-hlas tad-danni; l-assikurazzjoni tindahal ghal din ir-responsabbilta; imma meta ma jkunx hemm assikurazzjoni, huwa evidenti li ghal dina r-responsabbilta jkun tenut min ikun naqas li jassikura l-vettura; altrimenti l-ligi jibda jehles minnha kulhadd; u min isofri l-hsara jibqa' li ma jkollux kontra min idur biex jithallas taghha, fil-kaz li min jikkagunalha ma jkollux mezzi biex ihallas – haga din li hija kontra l-ispirtu animator tal-istess ligi. U konsegwentement, f'kazi bhal dawn, min ibati l-hsara ghandu d-dritt li jdur ghall-hlas taghha kontra min jidhirlu hu, jigifieri min ikkaguna direttament il-hsara u min naqas li jpoggih f'pozizzjoni li jkun jista' jithallas bla dewmien u b'mod cert minghand il-kumpannija assikuratrici.*

*Tant hu hekk illi, kieku l-car kienet assikurata, l-attur kien jista' jdur mill-ewwel ghall-hlas tad-danni kontra l-kumpannija assikuratrici, salv lil din, jekk ikun il-kaz, li ddur ghar-rifuzjoni kontra min kien isuq id-dar. Fin-nuqqas tal-konvenut Grima li jassikura l-car, huwa gie fil-pozizzjoni tal-kumpannija assikuratrici".*

11. Minhabba li l-vettura SEL-142 ma kinitx assigurata, mhux possibbli ghall-atturi li jigu rizarciti ghad-danni minn polza ta' assikurazzjoni li b'ligi suppost kienet tkopri l-imsemmija vettura fit-termini tal-Kap. 104. Bhala sid tal-vettura, Selina McKay hi ghalhekk responsabbli wkoll. Li d-danneggat jirrikorri ghand il-Fond ghall-Protezzjoni u Kumpens tal-Motor Insurance Bureau, ghandu jkun *the last resort* f'dawk ic-cirkostanzi li tikkontempla l-ligi (ara Regolamenti dwar il-Fond ghall-Protezzjoni u Kumpens, L.S. 403.13). Fl-eventwalita' li l-Fond ikun kostrett li jhallas, jibqa' d-dritt ta' regress fil-konfront ta' dawk li kienu responsabbli ghad-danni li sofra d-danneggat u li ma jkunux hallsu.

**Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell u tvarja d-decizjoni tat-Tribunal tal-Arbitragg tal-14 ta' Marzu, 2016 billi tilqa' t-talbiet tal-atturi wkoll kontra Selina McKay u ghalhekk tikkundannaha sabiex solidalment ma' Martin Farrugia thallas lill-atturi s-somma ta' erbat elef u erba' mitt ewro (€4,400), bl-imghax mid-data tan-notifika tal-atti tal-arbitragg lill-imsejha fil-kawza. Ghal kumplament tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal tal-Arbitragg.**

**Spejjez tal-appell a karigu ta' Selina McKay li hi wkoll solidalment responsabbli ghall-ispejjez tal-ewwel istanza.**

Anthony Ellul.